# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 67/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Yoana Abella Sanz**
**Clayton Delia**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tal-akkużat ossia r-rikorrent **Clayton Delia** (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 526590(M)) (*a fol.* 19 *et seq.*) ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2025 u li nġieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti kif preseduta fis-7 ta' Mejju 2025 fejn talab is-segwenti:

*"Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet su riferit, għal dawk ir-raġunijiet kollha li jistgħu talvolta jirriżultaw matul is-smigħ ta' dan ir-rikors, u fid-dawl ta' sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu waqt it-*

*trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. ***Tiddikjara** li huwa m'għandux jiġi ġġudikat minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentement **Tordna** illi minflok l-akkużat għandu jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dan taħt kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna."*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju 2025 (*a fol.* 27) fejn ordnat in-notifika tar-Rikors promutur lill-Avukat Ġenerali li ngħata żmien sabiex jippreżenta r-Risposta tiegħu.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-15 ta' Mejju 2025 (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn oġġezzjona għat-talba kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2025, lill-konsulent legali tar-rikorrent u lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jinfurmaw lil din il-Qorti li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li din il-Qorti kif preseduta tipproċedi bis-smiegħ tar-Rikors promutur u dana stante li l-Ġudikant li qed jippresjedi din il-Qorti kien għal żmien twil wieħed mill-Maġistrati li mexxa l-kumpilazzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qabel ġie elevat għall-Imħallef.

Semgħet, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2025, is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-Rikors promutur ir-rikorrent Clayton Delia jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna illi l-każ tiegħu jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan *ai termini* ta' Artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jargumenta li meta l-Avukat Ġenerali eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu huwa naqas milli jagħmel analiżi korretta tal-

każ odjern fil-kuntest tal-linji gwida li hemm fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjega li l-involviment tiegħu fil-kwistjoni tad-droga hija fl-agħar ipoteżi limitata għal għotja ta' informazzjoni. Ikompli billi jgħid li fuq il-persuna tiegħu la nstabu flejjes u lanqas sustanza illeċita. Jirrimarka li dan huwa bil-kontra tal-ko-akkużata l-oħra Yoana Abella Sanz fejn ġew elevati għaxar (10) kapsoli kontinenti sustanza bajda filwaqt li kien hemm nofs kapsola fuq il-mejda quddiemha, fejn kienet bilqiegħda hi. Jisħaq li fl-istess tfittxija mir-residenza fejn kien hemm hu u Abella Sanz, minn fuq il-persuna ta' Julio Cesar Valerio Polanco ġew elevati għoxrin (20) kapsola oħra kontinenti sustanza bajda suspettata droga. Jgħid li fuq informazzjoni mogħtija minn Polanco stess, mill-kamra tal-lukanda fejn kien qed jirrisjedi nstabu tmintax (18)-il kapsola oħra. Jisħaq li kif mill-kapsoli li nstabu ma nstabet l-ebda waħda fuq il-persuna tiegħu (tar-rikorrent). Jargumenta li huwa ma nqabadx f'xi operazzjoni li tirrigwarda entita' kbira ta' droga u li l-ammont ta' droga misjub kien dak ta' 465.62 grammi u li minn dan l-ammont, fl-agħar ipoteżi, huwa għadda informazzjoni dwar 284.3 grammi dejjem skont il-Pulizija. Dwar dan jirreferi għad-digriet mogħti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Henry Grogan et** fejn il-Qorti ddeċidiet li stante li l-involviment tal-akkużat f'dak il-każ kien żgħir, id-deċiżjoni kellha tmur favur tiegħu. Huwa jirreferi għall-ammont ta' droga li nstabet u li tagħha huwa ta informazzjoni u jqabbilha ma' dak li jipprovdu l-linji gwida. Jgħid li l-ammont li nstab huwa qrib l-ammont indikat fil-linji gwida. Isemmi kif il-linji gwida ġew emendati u fis-sena 2025 l-ammont ta' kokajina tela' minn mitt (100) gramma għal mitejn (200) gramma. Jirreferi għal numru ta' digrieti fejn l-ammont ta' droga misjuba ma kinitx fattur determinanti minkejja li l-ammont kien jaqbeż dak li kien hemm indikat fil-linji gwida. Jirreferi wkoll għal digrieti li kkunsidraw il-purita' tad-droga misjuba. Jispjega li ma jirriżultaw l-ebda mill-fatturi aggravanti u jgħid li din id-droga ma kinitx ser tiġi moħbija jew kien hemm attentat sabiex jiġi evitat il-kxif jew li kienet sejra tintrema, jew li kien hemm xi fatturi aggravanti oħra.

Illi l-Avukat Ġenerali jopponi għat-talba tar-rikorrent Delia. L-Avukat Ġenerali jispjega kif ċertu Orazio Grixti ġieli xtara xi droga

minn għand ir-rikorrent u kien talbu jekk setax jipprovdilu tletin (30) kapsola kokajina u kienu ftehmu fejn kellhom jinġabru kif ukoll il-prezz. Jispjega kif l-ammont ta' droga kien dak ta' 284.3 grammi kokajina b'livell ta' purita' ta' 28% u li dan instab fir-residenza tar-rikorrent fejn kien jirrisjedi mas-sieħba tiegħu. Isemmi kif ir-rikorrent serva ta' intermedjarju u li kien viċin is-sors oriġinali tad-droga biex b'hekk seta' jiffaċilita l-bejgħ. Jindika li r-rikorrent jgħid li kien hemm drabi oħra fejn għen sabiex tinbiegħ id-droga u jispjega kif ir-rikorrent kien jgħin lis-sieħba tiegħu minħabba li hija ma kinitx tifhem bl-Ingliż. L-Avukat Ġenerali jtenni li minkejja li l-ammonti msemmija fil-linji gwida mhux eżawrjenti jibqa' l-fatt li l-ammont ta' kokajina misjub jaqbeż il-mitejn (200) gramma. Jispiċċa billi jgħid li l-ħsara kemm fattwali kif ukoll potenzjali għandha tkun il-kunsiderazzjoni prinċipali tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali u jekk tinstab ħatja teħel, għal kull reat
>
> […]."

Illi permezz tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġew stabbiliti linji gwida dwar kif l-Avukat Ġenerali għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu meta din tkun marbuta ma' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess linji gwida jistabbilixxu s-segwenti:

"Linji gwida għall-użu ta' diskrezzjoni

Dawn il-linji gwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar.

Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.

Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.

Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.

F'dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;
- li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;
- li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;
- li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;

- li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;

- li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;

- li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;

- li l-akkużat kien motivat bil-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;

- li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;

- li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt id-direzzjoni ta' oħrajn;

- li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;

- li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;

- li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;

- li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;

- li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;

- li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali.

Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu*:

- in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;

- kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;

- l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;

- il-purità għolja tad-droga;

- li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;

- li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.

L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:

herojina u kokajina: inqas minn 200 gramma
*cannabis*: inqas minn kilo.

Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa."

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrent Clayton Delia tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-24 ta' Frar 2012 fejn ġie mixli b'numru ta' imputazzjonijiet b'dan illi permezz ta' Att ta' Akkuża bin-Numru 67/2024 ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2024 huwa ġie akkużat b'żewġ kapi. Għal kull buon fini jingħad li flimkien mar-rikorrent Delia, ġiet akkużata wkoll Yoana Abella Sanz li apparti ż-żewġ kapi li r-rikorrent ġie akkużat bihom, ġiet akkużata wkoll b'żewġ kapi oħra. Fl-Att ta' Akkuża msemmi, ir-rikorrent Delia ġie akkużat bis-segwenti:

- b'assoċjazzjoni sabiex tiġi ttraffikata d-droga kokajina;

- bi traffikar tad-droga kokajina.

Illi jirriżulta li fit-22 ta' Frar 2012 il-Pulizija kienet qegħda tosserva fond li jinsab iż-Żejtun fejn irriżulta li kienu jgħixu l-akkużati Delia u Abella Sanz b'dan illi għall-ħabta tas-6.30pm, il-Pulizija osservat persuna dieħla ġo din ir-residenza, li wara rriżulta li kien ċertu Orazio Grixti. Jirriżulta wkoll li l-Pulizija kompliet tosserva u għal ħabta tas-7.20pm, lemħet persuna oħra tasal bit-*taxi* li wara rriżulta li kien ċertu Julio Cesar Valerio Polanco. Jingħad li fil-mument li dan Polanco deher jersaq lejn ir-residenza in kwistjoni, deher ukoll ir-rikorrent Delia jiftaħ il-bieb tar-residenza u jidħol lura flimkien ma' Polanco. F'dak il-mument il-Pulizija waqqfu lil dawn iż-żewġ persuni u daħlu magħhom fir-residenza fejn irriżulta li kien hemm Abella Sanz u Orazio Grixti. Il-Pulizija għamlu tfittxija u fuq il-persuna tal-ko-akkużata Abella Sanz sabu għaxar (10) kapsoli li rriżulta li kienu mimlija bis-sustanza illeċita kokajina. Fuq il-persuna ta' Polanco nstabu għoxrin (20) kapsola oħra u dan ta' l-aħħar stqarr li fil-lukanda fejn kien qiegħed kien hemm tmintax (18) il-kapsola oħra. Il-Pulizija sabu nofs kapsola oħra fuq il-mejda u nofs oħra ġo tazza biex b'hekk b'kollox instabu disgħa u erbgħin (49) kapsola.

Illi mix-xiehda mogħtija fid-19 ta' April 2012 mix-Xjenzat Godwin Sammut (Vol. I: *a fol.* 97) jirriżulta li ġew elevati tmienja u erbgħin (48) kapsola u trab ta' lewn abjad li fih instabet is-sustanza kokajina b'piż ta' 465.62 grammi u b'purita' ta' 28%. Skont l-espert il-valur tal-kokajina in kwistjoni kien dak ta' €37,249.60. Fir-rapport (Dok. "GS" – *Loose Envelope*), ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> "1. Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 052_12_01, 052_12_02, 052_12_03, 052_12_04, 052_12_06 u 052_12_07 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 465.62 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

> 2. Skont il-*Malta National Report 2008-2010* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €80. Il-piż total tal-Kokaina huwa ta' 465.62 grammi li jagħti valur ta' €37,249.60."

Illi dwar il-kwistjoni tal-kwantita' ta' droga misjuba, din il-Qorti tagħmel riferenza għal digriet mogħti fl-10 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** (Numru 10/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "B'referenza għal-linji gwida suċitati, din il-Qorti tisħaq illi dawn huma biss indikattivi u mhux eżawrjenti. Hawn hekk tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Magri**[1] fejn ġie ritenut is-segwenti:
>
>> *Meta l-liġi tgħid illi ammont ta' erojina ta' anqas minn mitt gramma huwa "**indikattiv**" illi persuna m'għandhiex tkun ġudikata mill-Qorti Kriminali **ma jfissirx awtomatikament illi kwalunkwe ammont għola minn mitt gramma bilfors trid tiġi quddiem il-Qorti Kriminali. Dawn il-linji gwida huma biss punt ta' tluq u m'għandhomx iservu esklussivament bħala proċess aritmetiku**. F'każ deċiż mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales fit-3 ta' April 2012 fl-isem "**Regina versus Christiana Boakye et**" (EWCA Crim. 838) il-Qorti qalet, "**the quantities of drug which are listed under the categories of harm in the new guideline is deliberately described as 'indicative quantity of drug upon which the starting point is based.' They are not thresholds at which the sentencing range changes. They could not be if the starting point, which by definition is a mid range of sentence, is to be based upon it. In other words, the weights which determine categories are not***

[1] "Deċiż mill-Qorti Kriminali nhar it-2 t' Ottubru, 2014."

> ***<u>thresholds; they are indications of the general region of weight which goes into the relevant category</u>**. It is not exclusively an arithmetical process.""*

Illi minkejja li kif jgħid ir-rikorrent li l-ammont ta' droga li kien involut f'din it-transazzjoni huwa relattivament qrib l-ammont ta' mitejn (200) gramma msemmi fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif jgħid l-Avukat Ġenerali, dan l-ammont xorta jaqbeż l-ammont li hemm indikat fl-istess linji gwida. Tajjeb wieħed jifhem li minkejja li l-ammont indikat fir-Raba' Skeda ma huwiex tassattiv, huwa lanqas huwa intiż sabiex b'xi mod jiskuża t-traffikar ta' droga. Tali prattika hija illegali u ma għandhiex tiġi b'xi mod tollerata speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-ħsara li din tagħmel lit-tessut soċjali u t-tbatija li ġġib magħha. Ma' dan tajjeb wieħed jifhem ukoll li, skont il-linji gwida, l-ammont ta' droga mhux l-uniku element li jrid jittieħed in konsiderazzjoni.

Illi rigward ir-rwol tar-rikorrent Delia, din il-Qorti tinnota li fl-iStqarrija Ġuramentata tiegħu tat-23 ta' Frar 2012, ix-xhud Orazio Grixti qal hekk (Vol. I: *a fol.* 52 *et seq.*):

> "Clayton għax naħdmu flimkien, jiena bit-trakkijiet u hu jarma x-*shutter* u hekk. Iltqajt magħha ilu ftit, xi 4 snin ilu kont naħdem Paceville imma "saħħa" u "bonġu" u fil-fatt hi għarfitni, fil-Milied iltqajna l-ewwel darba erġajna u qaltli *"you remember me?"*. Imbagħad kien qalli Clayton *"jekk tkun taf lil xi ħadd li jkun irid xi xogħol"*, għedtlu *"x-xogħol huwa?"*, qalli *"mhux coke"*, qalli *"għidli għax it-tfajla tiegħi jkollha"* u għedtlu *"iva, mhux xorta"*. Il-bieraħ kien hemm wieħed u qalli *"taf lil xi ħadd ibiegħli?"*, u għedtlu *"iva"* jiena, fthemna l-ħin x'ħin niltaqgħu, dak kollox, ma kontx se naqla xejn: just kemm jiġi wieħed, jiġi l-ieħor u nitlaq lejn id-dar jiena u daħlu l-Pulizija."

Illi din il-verżjoni ġiet konfermata mill-istess xhud fix-xiehda mogħtija minnu fit-22 ta' Marzu 2023 quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja meta qal hekk (Vol. III: *a fol.* 570 *et seq.*):

> "Xhud: Għax Clayton kellu x-xogħol hux. Kien qalli: *"Jekk tkun taf lil xi ħadd,"* għidtlu: *"All right."*"

Illi minn dan jirriżulta li r-rikorrent kien qiegħed jorganizza bejgħ ta' droga b'mod kummerċjali u li kellu konnessjonijiet sostanzjali u influwenza fuq persuni oħra fiċ-ċirku. Minbarra dan jirriżulta mix-xiehda mogħtija mill-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Victor Aquilina fit-13 ta' Marzu 2012 li kien ir-rikorrent li kien qed jistenna lil Julio Cesar Valerio Polanco barra. Dan jirriżulta mis-segwenti (Vol. I: *a fol.* 56 *et seq.*):

> "Meta Julio deher jersaq lejn ir-residenza msemmija aktar qabel Clayton Delia deher li qed jistenna lill-istess persuna, fil-fatt meta qabdu deħlin ġo l-imsemmija residenza Il-Pulizija waqqfuhom minnufih u baqgħu deħlin flimkien ma' l-imsemmija persuni."

Illi għalhekk jirriżulta wkoll li r-rikorrent kellu funzjoni operattiva fil-kwistjoni kollha. Bil-kontra ta' dak li jgħid ir-rikorrent, huwa kien jaf ben tajjeb li s-sieħba tiegħu kienet involuta fil-bejgħ tad-droga. Mhux hekk biss iżda talli huwa kien jgħin b'mod attiv billi jipproponi l-bejgħ ta' din id-droga kif ukoll jiffaċilita tali transazzjoni meta beda jispjega lix-xufier kif jasal għad-dar fejn kien joqgħod huwa.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrent ma ta l-ebda għajnuna lill-Pulizija. Anzi waqt l-istqarrija mogħtija minnu fit-23 ta' Frar 2012 (Dok. "VA 4": Vol. I – *a fol.* 66 *et seq.*) jirriżulta li huwa biddel il-verżjoni mogħtija minnu numru ta' drabi.

Illi l-purita' tad-droga in kwistjoni li kienet ta' 28% timmilita kontra t-talba tar-rikorrent stante li dan il-livell ta' purita' huwa fil-fehma ta' din il-Qorti relattivament għoli anke għaż-żminijiet meta seħħ ir-reat.

Illi r-rikorrent jilmenta li fuq il-persuna tiegħu ma nstabet l-ebda droga. Din il-Qorti tirrimarka li ma kienx hemm għalfejn tinstab xi droga fuq il-persuna tar-rikorrent sabiex huwa jkun involut fil-bejgħ u traffikar ta' droga. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rwol tar-rikorrent joħroġ ċar mix-xiehda mogħtija minn Orazio Grixti hekk kif indikat aktar 'il fuq. Miżjud ma' dan din il-Qorti tinnota wkoll li flimkien mar-rikorrent u l-ko-akkużata l-oħra kien hemm tifla hekk kif jirriżulta mix-xiehda ta' PC 857 John Laferla mogħtija fil-31 ta' Mejju 2012 (Vol. I: *a fol.* 129 *et seq.*). Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid ir-rikorrent u ċioè li fil-każ tiegħu ma jirriżultaw l-ebda mill-fatturi aggravanti.

Illi għal kull buon jingħad li fir-Rikors promutur ir-rikorrent Delia jagħmel riferenza għal digriet mogħti fit-28 ta' Lulju 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Cachia** (Numru 12/2022 – Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera) u għal digriet ieħor mogħti fit-23 ta' Ottubru 2024 wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Cachia** (Numru 25/2022 – Onor. Imħallef Natasha Galea Sciberras), f'liema digrieti msemmija l-Qorti msemmija ordnat li l-akkużati in kwistjoni jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dwar dawn iż-żewġ digrieti din il-Qorti tinnota li l-fattispecie dwarhom huma kompletament differenti għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti u ma jsibu l-ebda applikazzjoni għal dan il-każ. In fatti fid-digriet tat-28 ta' Lulju 2022 hawn fuq imsemmi, ingħad hekk:

> "Din il-Qorti tinnota illi minkejja l-fatt li l-Avukat Ġenerali isemmi l-ammont ta' għaxar (10) kilos kannabis, dan ma jaffigura mkien mill-atti. Oltre minn hekk jidher illi l-Prosekuzzjoni qegħda temmen lill-akkużat fil-verżjonijiet tiegħu speċjalment rigward l-involviment tiegħu u dan stante li kienet iddikjarat[2] li l-akkużat jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma

[2] "Issir riferenza għax-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg *a fol.* 497 tal-proċess."

> kienitx tiddikjara dan kieku ma kienitx qegħda temmen lill-akkużat f'dak li qal, inkluż fejn dan qed jiċħad l-involviment tiegħu mal-ixkora tas-siment u l-ħamsin (50) sapuna li allegatament kien hemm fiha."

Illi fid-digriet l-ieħor ossia dak mogħti fit-23 ta' Ottubru 2024 fl-ismijiet fuq premessi, ingħad is-segwenti:

> "Madankollu, f'dan il-każ, mill-atti kumpilatorji ma tirriżultax l-kwantita' speċifika ta' droga li ġiet moħbija fir-razzett ta' Paul Cachia ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa."

Aktar tard, fl-istess digriet jingħad hekk:

> "Għaldaqstant, għall-fini tal-linji gwida ndikati fir-Raba' Skeda, din il-Qorti tqis illi s-sehem tal-akkużat f'dan l-uniku episodju li għalih issir referenza fl-atti proċesswali, kien wieħed tassew minuri, minimu għall-aħħar u limitat, bl-akkużat jaġixxi taħt id-direzzjoni ta' oħrajn u taħt pressjoni fid-dawl tal-insistenza ta' missieru illi kellu bżonn il-flus għall-kura ta' ommu. Lanqas ma jirriżulta illi l-akkużat kellu xi influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku, jew illi kellu xi għarfien rigward l-operazzjoni jew il-kobor tagħha, u finalment lanqas ma għamel jew kien se jagħmel gwadann finanzjarju mill-istess reat. Ma' dan il-Qorti tqis ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara wkoll illi l-akkużat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi kkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija.[3]"

Illi, kif diġa' ngħad, minn dak ċitat hawn fuq jirriżulta li s-sitwazzjonijiet ma humiex simili għal dan il-każ li jinsab quddiem din il-Qorti u b'hekk din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod issegwi dak li ngħad fiż-żewġ digrieti in kwistjoni.

---

[3] "Ara *a fol.* 37 tal-atti proċesswali."

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li t-talba tar-rikorrent Clayton Delia hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur għandha tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrent Clayton Delia hekk kif kontenuta fir-Rikors tiegħu ppreżentat fil-21 ta' Marzu 2025 bil-konsegwenza li l-imsemmi Clayton Delia għandu jiġi ġudikat mill-Qorti Kriminali.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**